

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 183

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66  
20 ta' Lulju 2023

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1488 tas-6 ta' Lulju 2023 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva b'riskju baxx, ir-ramel kwarzuż, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(1)</sup>.....** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1489 tat-13 ta' Lulju 2023 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetta u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Edremit Zeytinyağı" (DOP)).....** 6
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1490 tad-19 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu ta' ċerti sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-prodotti kożmetiċi <sup>(1)</sup>.....** 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1491 tad-19 ta' Lulju 2023 li jżid mal-kwoti tas-sajd għall-2023 ċerti kwantitajiet miżmuma fl-2022 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96.....** 11
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1492 tad-19 ta' Lulju 2023 li jemenda l-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti forom ta' injam li joriġinaw mill-Kanada u mill-Istati Uniti.....** 42

#### DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1493 tas-26 ta' Ġunju 2023 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.....** 49

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1494 tas-26 ta' Ġunju 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I ta' dak il-Ftehim .....	53
---	----

## Rettifika

★ Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1462 tas-17 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 180, 17.7.2023) .....	57
★ Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/583 tal-15 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/607 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 16.3.2023) .....	58
★ Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 tad-9 ta' Frar 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija (ĠU L 41, 10.2.2023) .....	59
★ Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2176 tad-9 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 443, 10.12.2021) .....	60

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1488

tas-6 ta' Lulju 2023

li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva b'riskju baxx, ir-ramel kwarzuż, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) flimkien mal-Artikolu 22(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE <sup>(2)</sup> inkludiet ir-ramel kwarzuż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE <sup>(3)</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(4)</sup>.
- (3) Kif stipulat fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, ir-ramel kwarzuż, tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2023 <sup>(5)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708 tal-5 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aclonifen, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthialicarb, boscalid, calcium carbide, captan, cymoxanil, dimethomorph, dodemorph, ethephon, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi ta' distillazzjoni tax-xaħam, aċidi xaħmin C7 sa C20, fluoxastrobin, flurochloridone, folpet, formetanate gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metam, metamitron, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, propamocarb, proquinazid, prothioconazole, piretrini, ir-ramel kwarz, żejt tal-ħut, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, sulcotrione, tebuconazole u urea (ĠU L 133, 10.5.2022, p. 1).

- (4) F'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 <sup>(6)</sup> u fil-perjodu ta' żmien previst f'dak l-Artikolu, ġiet sottomessa applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva, ir-ramel kwarzuż, lil-Latvja, l-Istat Membru relatur, u lir-Rumanija, l-Istat Membru korelatur.
- (5) L-applikanti ressqu wkoll il-fajls supplimentari meħtieġa mill-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 lill-Istat Membru relatur, lill-Istat Membru korelatur, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"). L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet ammissibbli.
- (6) L-Istat Membru relatur ħejja abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur, u ssottomettieh lill-Awtorità u lill-Kummissjoni fit-2 ta' Marzu 2021. Fl-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid tiegħu, l-Istat Membru relatur ippropona li l-approvazzjoni tar-ramel kwarzuż tiġġedded.
- (7) L-Awtorità għamlet il-fajls sommarji supplimentari disponibbli għall-pubbliku. L-Awtorità baġtet ukoll l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-applikanti u lill-Istati Membri għall-kummenti tagħhom, u nediet konsultazzjoni pubblika dwaru. L-Awtorità għaddiet il-kummenti li rċeviet lill-Kummissjoni.
- (8) Fis-16 ta' Awwissu 2022, l-Awtorità kkomunikat lill-Kummissjoni l-konklużjoni tagħha <sup>(7)</sup> li indikat li jista jkun mistenni li r-ramel kwarzuż jissodisfa l-kriterji tal-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (9) Il-Kummissjoni ppreżentat rapport tat-tiġdid dwar ir-ramel kwarzuż u abbozz ta' dan ir-Regolament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf fit-8 ta' Diċembru 2022 u fil-25 ta' Mejju 2023 rispettivament.
- (10) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikanti jressqu l-kummenti tagħhom dwar il-konklużjoni tal-Awtorità u, f'konformità mal-Artikolu 14(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, dwar ir-rapport tat-tiġdid. L-applikanti ressqu l-kummenti tagħhom, li ġew eżaminati bir-reqqa u tqiesu.
- (11) Ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati rigward użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, ir-ramel kwarzuż.
- (12) Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li ir-ramel kwarzuż huwa sustanza attiva b'riskju baxx skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Ir-ramel kwarzuż mhuwiex sustanza ta' tħassib u jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (13) Għaldaqstant, jixraq li tiġġedded l-approvazzjoni tar-ramel kwarzuż bħala sustanza attiva b'riskju baxx.
- (14) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju, jeħtieġ, madankollu, li tiġi stabbilita purità minima għar-ramel kwarzuż u ammont massimu tal-impurità tas-siliċe kristallina (SiO<sub>2</sub>) respirabbli b'dijametru ta' ≤ 10 μm kif manifatturata sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tas-sustanza attiva li trid tintuża fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (15) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

<sup>(7)</sup> EFSA (European Food Safety Authority), 2022. Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance quartz sand. *EFSA Journal* 2022;20(9):7552, 37 pp. doi:10.2903/j.efsa.2022.7552.

- (16) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-jum wara d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tar-ramel kwarzuż.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva**

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva, ir-ramel kwarzuż, kif speċifikata fl-Anness I, hija mġedda soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Emendi lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX I

Isem Komuni, Numri tal-Identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità <sup>(1)</sup>	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Ramel kwarzuż (m'hemmx isem komuni tal-ISO) (1) 7631-86-9 (CAS) (2) 14808-60-7 (CAS) 855 (CIPAC) [S'issa ġew indikati b'ħala: Nru CAS: 14808-60-7 Nru CIPAC: Mhux allokat]	1) Diossidu tas-siliċju 2) Kwarz	91.5 g/kg L-impurità siliċe kristallina b'dijametru tal-partikoli ≤ 10 µm hija ta' tħassib tossikoloġiku u ma għandhiex taqbeż il-livell ta' 0,1 % tal-partikoli fil-materjal tekniku.	l-1 ta' Settembru 2023	il-31 ta' Awwissu 2038	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġdid dwar ir-ramel kwarzuż, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. Il-kundizzjonijiet tal-użu, fejn rilevanti, għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

<sup>(1)</sup> Fir-rapport għat-tiġdid jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva.

ANNEX II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-Parti A, titħassar l-entrata 247 dwar ir-ramel kwarzuż;
- (2) fil-Parti D, tizzied l-entrata li ġejja:

Numru	Isem Komuni, Numri tal-Identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (%)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"44	Ramel kwarzuż (m'hemmx isem komuni tal-ISO)  (1) 7631-86-9 (CAS) (2) 14808-60-7 (CAS) 855 (CIPAC)  [S'issa ġew indikati bħala: Nru CAS: 14808-60-7 Nru CIPAC: Mhux allokat]	(1) Diossidu tas-siliċju  (2) Kwarz	915 g/kg  L-impurità siliċe kristallina b'dijametru tal-partikoli ≤ 10 µm hija ta' tħassib tossikoloġiku u ma għandhiex taqbeż il-livell ta' 0,1 % tal-partikoli fil-materjal tekniku.	l-1 ta' Settembru 2023	il-31 ta' Awwissu 2038	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġdid dwar ir-ramel kwarzuż, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.  Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq."

(<sup>1</sup>) Fir-rapport għat-tiġdid jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1489****tat-13 ta' Lulju 2023****li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetta u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Edremit Zeytinyađı" (DOP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tat-Turkija għar-reġistrazzjoni tal-isem "Edremit Zeytinyađı" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Edremit Zeytinyađı" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem "Edremit Zeytinyađı" (DOP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 <sup>(3)</sup>.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
*Membre tal-Kummissjoni*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 106, 22.3.2023, p. 9.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1490****tad-19 ta' Lulju 2023****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu ta' ċerti sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-prodotti kożmetiċi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 15(2), ir-raba' subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jipprevedi klassifikazzjoni armonizzata tas-sustanzi bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) abbażi ta' valutazzjoni xjentifika mwettqa mill-Kumitat għall-Istima tar-Riski tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Is-sustanzi huma kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategorija 1 A, sustanzi CMR tal-kategorija 1B jew sustanzi CMR tal-kategorija 2 skont il-livell tal-evidenza tal-proprjetajiet CMR tagħhom.
- (2) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprevedi li għandu jiġi pprojbit li s-sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategorija 1 A, tal-kategorija 1B jew tal-kategorija 2 tal-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (sustanzi CMR) jintużaw fil-prodotti kożmetiċi. Madankollu, sustanza CMR tista' tintuża fil-prodotti kożmetiċi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1), it-tieni sentenza, tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jew fl-Artikolu 15(2), it-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament.
- (3) Sabiex tiġi implimentata b'mod uniformi l-projbizzjoni tas-sustanzi CMR fis-suq intern, ħalli tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, b'mod partikolari għall-operatori ekonomiċi u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u sabiex jiġi żgurat livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, jenħtieġ li s-sustanzi CMR kollha jiġu inklużi fil-lista ta' sustanzi pprojbiti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u, fejn rilevanti, jitħassru mil-listi ta' sustanzi ristretti jew permessi fl-Annessi III sa VI ta' dak ir-Regolament. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1), it-tieni sentenza, tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jew fl-Artikolu 15(2), it-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-listi ta' sustanzi ristretti jew permessi fl-Annessi III sa VI ta' dak ir-Regolament jiġu emendati kif xieraq.
- (4) Dan ir-Regolament ikopri s-sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/692 <sup>(3)</sup> ("is-sustanzi rilevanti"). Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/692 se japplika mill-1 ta' Diċembru 2023.
- (5) Ma tressqet l-ebda talba għall-użu fil-prodotti kożmetiċi bħala eċċezzjoni għas-sustanzi rilevanti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbagg tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/692 tas-16 ta' Frar 2022 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbagg tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 129, 3.5.2022, p. 1).

- (6) Is-sustanzi rilevanti bħalissa la huma ristretti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, u lanqas permessi fl-Annessi IV, V jew VI ta' dak ir-Regolament.
- (7) Is-sustanza aċidu 2-etileżanojku (Nru CAS 149-57-5) bħalissa hija elenkata fl-entrata 1024 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Madankollu, l-imlieh ta' dik is-sustanzi, li ġew ikklassifikati bħala sustanzi CMR [tal-kategorija 1B] bir-Regolament Delegat (UE) 2022/692, mhumiex inklużi f'dik l-entrata. Bħalissa, l-ebda waħda mis-sustanzi rilevanti l-oħra ma hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi pprojbiti fil-prodotti kożmetiċi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u jenħtieġ li l-imlieh tas-sustanza aċidu 2-etileżanojku jiżdiedu fl-entrata 1024 ta' dak l-Anness.
- (8) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (9) L-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huma bbażati fuq il-klassifikazzjonijiet tas-sustanzi rilevanti bħala sustanzi CMR u għalhekk jenħtieġ li japplikaw mill-istess data ta' dawk il-klassifikazzjonijiet.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata 1024 hija sostitwita b'dan li ġej:

Numru ta' referenza	Identifikazzjoni tas-sustanza		
	Isem kimiku/INN	Nru CAS	Nru KE
a	b	c	d
"1024	Aċidu 2-etileżanojku u l-imlieh tiegħu minbarra dawk speċifikati banda oħra fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008	149-57-5/-	205-743-6/-"

(2) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Numru ta' referenza	Identifikazzjoni tas-sustanza		
	Isem kimiku/INN	Nru CAS	Nru KE
a	b	c	d
"1695	Bromur tal-ammonju	12124-97-9	235-183-8
1696	Dibutilin bis(2-etileżanoat)	2781-10-4	220-481-2
1697	Di(aċetat) tad-dibutiltin	1067-33-0	213-928-8
1698	Diossidu tat-tellurju	7446-07-3	231-193-1
1699	Tetraossidu tal-barju diboron	13701-59-2	237-222-4
1700	2,2-dimetilpropan-1-ol, derivattiv tat-tribromo; 3-bromo-2,2-bis(bromometil)propan-1-ol	36483-57-5/ 1522-92-5	253-057-0/-
1701	2,4,6-tri-tert-butilfenol	732-26-3	211-989-5
1702	4,4'-sulfonildifenol; bisfenol S	80-09-1	201-250-5
1703	Benzofenon	119-61-9	204-337-6
1704	Kinoklammina (ISO); 2-ammino-3-kloro-1,4-naftokinon	2797-51-5	220-529-2
1705	Aċidu perfluworoettanojku; aċidu tridekafluworoettanojku	375-85-9	206-798-9
1706	N-(isopropossikarbonil)-L-valil-(3RS)-3-(4-klorofenil)-β-alaninat tal-metil; valifenalat	283159-90-0	608-192-3
1707	aċidu 6-[C12-18-alkil-(ramifikat, mhux saturat)-2,5-diossopirrolidin-1-il]eżanojku, sodju u l-imlieh tat-tris(2-idrossietil)ammonju	-	701-271-4
1708	aċidu 6-[(C10-C13)-alkil-(ramifikat, mhux saturat)-2,5-diossopirrolidin-1-il]eżanojku	2156592-54-8	701-118-1
1709	aċidu 6-[C12-18-alkil-(ramifikat, mhux saturat)-2,5-diossopirrolidin-1-il]eżanojku	-	701-162-1

a	b	c	d
1710	Teofillina; 1,3-dimetil-3,7-diidro-1 <i>H</i> -purina-2,6-dion	58-55-9	200-385-7
1711	1,3,5-triażina-2,4,6-triammina; melamina	108-78-1	203-615-4
1712	Fluwopikolid (ISO); 2,6-dikloro- <i>N</i> -[3-kloro-5-(trifluworometil)-2-piridilmetil]benżammid	607-285-6	239110-15-7
1713	triammid <i>N</i> -(2-nitrofenil)fosforiku	874819-71-3	477-690-9
1714	<i>N</i> -(5-kloro-2-isopropilbenzil)- <i>N</i> -ċiklopropil-3-(difluworometil)-5-fluwo-1-metil-1 <i>H</i> -pirażol-4-karbossammid; isofluċipram	1255734-28-1	811-438-4
1715	Massa ta' reazzjoni ta' 3-(difluworometil)-1-metil- <i>N</i> -[(1 <i>RS</i> ,4 <i>SR</i> ,9 <i>RS</i> )-1,2,3,4-tetraidro-9-isopropil-1,4-metanonaftalen-5-il]pirażol-4-karbossammid u 3-(difluworometil)-1-metil- <i>N</i> -[(1 <i>RS</i> ,4 <i>SR</i> ,9 <i>SR</i> )-1,2,3,4-tetraidro-9-isopropil-1,4-metanonaftalen-5-il]pirażol-4-karbossammid [kontenut relattiv $\geq 78$ % sin iżomeri $\leq 15$ % anti iżomeri]; isopirażam	881685-58-1	632-619-2
1716	Margosa, ext. [mill-ħabb tal- <i>Azadirachta indica</i> estratta bl-ilma u proċessata ulterjorment b'solventi organiċi]	84696-25-3	283-644-7
1717	Kumen	98-82-8	202-704-5
1718	diakrilat tat-2-etil-2-[[1-ossoallil]ossi]metil]-1,3-propanedil; akrilat tat-2,2-bis (akriloilossimetil)butil; triakrilat tat-trimetilolpropan;	15625-89-5	239-701-3
1719	Pentapotassju 2,2',2'',2''',2''''-(etan-1,2-diilnitrilo) pentaacetat	7216-95-7	404-290-3
1720	<i>N</i> -karbossimetiliminobis(etilenenitrilo)tetra(aċidu aċetiku); Aċidu Pentetiku (INCI)	67-43-6	200-652-8
1721	(Karbossilatometil)iminobis(etilenenitrilo)tetraaċetat tal-pentasodju; Pentetat tal-Pentasodju (INCI)	140-01-2	205-391-3
1722	Aċetamidrid (ISO); (1 <i>E</i> )- <i>N</i> -[(6-kloropiridin-3-il)metil]- <i>N</i> '-ċjano- <i>N</i> -metiletanimidammid; (1 <i>E</i> )- <i>N</i> 1-[(6-kloro-3-piridil)metil]- <i>N</i> 2-ċjano- <i>N</i> 1-metilacetammidina	135410-20-7/ 160430-64-8	603-921-1/ 682-791-8
1723	Pendimetalina (ISO); <i>N</i> -(1-etilpropil)-2,6-dinitro-3,4-ksiliden	40487-42-1	254-938-2
1724	Bentażon (ISO); 3-isopropil-2,1,3-benzotijadijażina-4-on-2,2-diossidu	25057-89-0	246-585-8"

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1491****tad-19 ta' Lulju 2023****li jżid mal-kwoti tas-sajd għall-2023 ċerti kwantitajiet miżmuma fl-2022 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, għal ħażniet soġġetti għal TAC analitika, Stat Membru li għalih tkun ġiet allokata kwota rilevanti jista' jitolb lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' applikazzjoni tal-kwota, biex iżomm 10 % tal-kwota tiegħu biex tiġi ttrasferita lis-sena li tmis.
- (2) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2021/1888 <sup>(2)</sup>, (UE) 2022/109 <sup>(3)</sup> u (UE) 2022/110 <sup>(4)</sup> jistabbilixxu l-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut għall-2022 u jispjefikaw liema stokkijiet jistgħu jkunu suġġetti għall-miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 <sup>(5)</sup>, (UE) 2023/194 <sup>(6)</sup> u (UE) 2023/195 <sup>(7)</sup> jistabbilixxu l-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut għall-2023.
- (4) Ċerti Stati Membri talbu, qabel il-31 ta' Ottubru 2022, li parti mill-kwoti tagħhom għall-2022 għal ċerti stokkijiet ta' ħut tinżamm u tiġi ttrasferita għall-2023. L-istokkijiet tal-ħut li t-trasferiment tagħhom qed jintalab kif ukoll l-istat ta' sfruttament tagħhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal tali trasferiment stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 847/96. Soġġetti għal-limiti previsti f'dak ir-Regolament, il-kwantitajiet miżmuma jenħtieġ li jiżiedu mal-kwoti għall-2023.

<sup>(1)</sup> ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1888 tas-27 ta' Ottubru 2021 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn (ĠU L 384, 29.10.2021, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 1).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda l-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

- (5) Sabiex tiġi evitata l-flessibilità eċċessiva li ddghajef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, li tfixkel il-kisba tal-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u li tiddeterjora l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, fejn l-Stat Membru jkun għa' uża l-flessibilità ta' sena b'sena prevista skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(8)</sup> fir-rigward ta' stokk partikolari, l-ebda riport ta' kwoti tas-sajd mhux użati ma jenħtieġ li japplika skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 u viċi versa.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għall-2023 fir-Regolamenti (UE) 2022/2090, (UE) 2023/194 u (UE) 2023/195 huma miżjuda kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

## ANNEX

ID tal-pajjiż	ID tal-istokk	Speċijiet	Isem iż-żona	Kwota finali fl-2022 <sup>(1)</sup> (€tunnellati)	Qabdiet fl-2022 (€tunnellati)	Qabdiet b'kundizzjonijiet speċjali <sup>(2)</sup> fl-2022 (€tunnellati)	Qabdiet totali fl-2022 (€tunnellati)	% tal-użu tal-kwota finali	Kwantità ttrasferita (€tunnellati)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)
<b>Stokkijiet ta' ħut li għalihom il-kwoti ġew stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1888</b>									
DE	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	278,669	250,045	0	250,045	89,73	27,867
DE	PLE/3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	1 342,122	742,928	0	742,928	55,35	134,212
DE	SPR/3BCD-CF	Laċċa kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	15 714,421	14 870,321	0	14 870,321	94,63	844,100
DK	HER/30/31.	Aringa	Is-Subdiviżjonijiet 30-31	2 128,963	1 916,067	0	1 916,067	90,00	212,896
DK	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	2 371,076	1 939,571	0	1 939,571	81,80	237,108
DK	PLE/3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	6 515,932	862,084	0	862,084	13,23	651,593
DK	SPR/3BCD-CF	Laċċa kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	28 771,615	26 299,965	0	26 299,965	91,41	2 471,650
EE	HER/03D.RG	Aringa	Is-Subdiviżjoni 28.1	23 734,651	18 810,150	0	18 810,150	79,25	2 373,465
EE	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	7 857,244	6 503,143	0	6 503,143	82,77	785,724
EE	SPR/3BCD-CF	Laċċa kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	28 736,890	27 551,868	0	27 551,868	95,88	1 185,022

<sup>(1)</sup> Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar il-kwoti tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-kwoti tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2021 għall-2022 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-kwoti tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>(2)</sup> Kundizzjoni(jiet) speċjali stabbilita/i fl-Annessi tar-Regolamenti rilevanti li jstabbilixxu l-kwoti tas-sajd għas-sena 2022.

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)
FI	HER/30/31.	Aringa	Is-Subdiviżjonijiet 30-31	101 840,064	58 388,604	0	58 388,604	57,33	10 184,006
FI	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	10 719,492	10 007,246	0	10 007,246	93,36	712,246
LV	HER/03D.RG	Aringa	Is-Subdiviżjoni 28.1	26 913,027	24 157,889	0	24 157,889	89,76	2 691,303
LV	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	3 640,304	3 494,539	0	3 494,539	96,00	145,765
LV	SPR/3BCD-CF	Laċċa kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	31 771,225	31 355,940	0	31 355,940	98,69	415,285
PL	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	17 553,699	16 266,282	0	16 266,282	92,67	1 287,417
PL	PLE/3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	1 463,626	176,492	0	176,492	12,06	146,363
PL	SPR/3BCD-CF	Laċċa kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	73 187,973	71 199,962	0	71 199,962	97,28	1 988,011
SE	HER/30/31.	Aringa	Is-Subdiviżjonijiet 30-31	19 328,736	16 975,983	0	16 975,983	87,83	1 932,874
SE	HER/3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	16 198,239	15 023,842	0	15 023,842	92,75	1 174,397
SE	PLE/3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	529,082	18,899	0	18,899	3,57	52,908
SE	SPR/3BCD-CF	Laċċa kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	53 486,762	52 735,672	0	52 735,672	98,60	751,090

**Stokkijiet ta' ħut li għalihom il-kwoti ġew stabbiliti bir-Regolament (UE) 2022/109**

BE	ANF/*8ABDE	Petriċi	L-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 8a, 8b, 8d u 8e (kundizzjoni speċjali għal ANF/07.)	400,341	68,767	0	68,767	17,18	40,034
BE	ANF/07.	Petriċi	7	3 497,326	1 334,566	68,767	1 403,333	40,13	349,733



(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)
BE	HAD/*2AC4.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 2a u 4 (kundizzjoni speċjali għal HAD/5BC6 A.)	1,655	0	0	0	0	0,166
BE	HAD/07 A.	Merluzz tal-linja sewda	7a	48,465	7,736	0	7,736	15,96	4,847
BE	HAD/2AC4.	Merluzz tal-linja sewda	4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a	321,060	232,740	0	232,740	72,49	32,106
BE	HAD/6B1214	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 6b; l-ilmijiet internazzjonali ta' 12 u 14	13,885	0	0	0	0	1,389
BE	HAD/7X7A34	Merluzz tal-linja sewda	7b-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1	209,578	190,474	0	190,474	90,88	19,104
BE	HER/*04B.	Aringa	4b (kundizzjoni speċjali għal HER/4CXB7D)	4 828,384	0	0	0	0	482,838
BE	HER/2A47DX	Aringa	4 u 7d; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a	2,885	1,696	0	1,696	58,79	0,289
BE	HER/4CXB7D	Aringa	4c, 7d għajr l-istokk tal-Blackwater	95,453	49,837	0	49,837	52,21	9,545
BE	HKE/*03 A.	Merluzz	3a (kundizzjoni speċjali għal HKE/2AC4-C)	3,123	0	0	0	0	0,312
BE	HKE/*8ABDE	Merluzz	8a, 8b, 8d u 8e (kundizzjoni speċjali għal HKE/571214)	60,453	0	0	0	0	6,045
BE	HKE/2AC4-C	Merluzz	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a	31,237	13,207	0	13,207	42,28	3,124
BE	HKE/571214	Merluzz	6 u 7; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali ta' 5b; l-ilmijiet internazzjonali ta' 12 u 14	160,769	72,917	0	72,917	45,36	16,077
BE	HKE/8ABDE.	Merluzz	8a, 8b, 8d u 8e	10,514	3,393	0	3,393	32,27	1,051

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)
BE	LEZ/*8ABDE	Megrim	8a, 8b, 8d u 8e (kundizzjoni speċjali għal LEZ/07.)	51,286	21,929	0	21,929	42,76	5,129
BE	LEZ/07.	Megrim	7	895,763	870,027	21,929	891,956	99,57	3,807
BE	LEZ/2AC4-C	Megrim	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a	8,900	0,280	0	0,280	3,15	0,890
BE	MAC/2A34.	Kavall	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 2a, 3b, 3c, 3d u 4	196,745	184,740	0	184,740	93,90	12,005
- (2) Dawk ir-rekwiżiti għandhom l-għan li jipproteġu lill-Unjoni mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire ("il-pest speċifikat").
- (3) B'deroga mill-punt 87(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-injam tal-*Fraxinus* L. ("injam tal-fraxxnu") jista' jiġi introdott fit-territorju tal-Unjoni mill-Kanada f'konformità mar-rekwiżiti speċjali stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/918<sup>(3)</sup>. Ir-rekwiżiti huma simili għar-rekwiżiti stabbiliti għall-istess injam mill-istess oriġini bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/412<sup>(4)</sup>. Dak ir-Regolament jiskadi fil-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) B'deroga mill-punt 87(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-injam tal-fraxxnu jista' jiġi introdott fit-territorju tal-Unjoni mill-Istati Uniti f'konformità mar-rekwiżiti speċjali stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1002<sup>(5)</sup>. Ir-rekwiżiti huma simili għar-rekwiżiti stabbiliti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1203<sup>(6)</sup> għall-istess injam bl-istess oriġini. Dak ir-Regolament jiskadi wkoll fit-30 ta' Ġunju 2023.

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/918 tal-1 ta' Lulju 2020 li jstabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu li joriġinaw mill-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk (ĠU L 209, 2.7.2020, p. 14).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/412 tas-17 ta' Marzu 2016 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE f'dak li għandu x'jaqşam mal-injam tal-fraxxnu li joriġinaw mill-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 41).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1002 tad-9 ta' Lulju 2020 li jstabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam tal-fraxxnu li joriġinaw mill-Kanada jew li huwa pproċessat fl-Istati Uniti (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 122).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1203 tal-21 ta' Awwissu 2018 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward tal-injam tal-fraxxnu li joriġinaw mill-Kanada jew li huwa pproċessat fl-Istati Uniti tal-Amerka, u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/204 (ĠU L 217, 27.8.2018, p. 7).

- (5) Dawk ir-rekwiżiti speċjali wrew li huma effettivi, matul l-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/918 u (UE) 2020/1002, fil-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat. Barra minn hekk, rekwiżiti simili wrew li huma effettivi matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 u (UE) 2018/1203.
- (6) Abbażi tal-evidenza miġbura, ġie konkluż li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni tal-injam tal-fraxxnu fit-territorju tal-Unjoni mill-Kanada u mill-Istati Uniti jitnaqqas għal livell aċċettabbli u li jiġu stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni xierqa f'dawk il-pajjiżi terzi.
- (7) Jidher li r-rekwiżiti speċjali stabbiliti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/918 u (UE) 2020/1002 huma miżuri xierqa ta' mitigazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi fil-punt 87 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.
- (8) L-Anness VII jenħtieġ li jipprevedi li jrid jiġi ssodisfat wieħed mir-rekwiżiti speċjali li ġejjin għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu: l-injam tal-fraxxnu jenħtieġ li jgħaddi minn irradjazzjoni jonizzanti jew joriġina f'żona ħielsa mill-pesti soġġett għal ċerti kundizzjonijiet jew jgħaddi minn proċess ta' tqaxxir, isserrar, trattament bis-sħana u tnixxif, soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi u flimkien ma' rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tal-faċilitajiet fejn l-injam jiġi prodott, immaniġġjat jew maħżun. Fl-aħħar għażla, u sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi u trasparenza, jenħtieġ li kull lott tal-injam juri b'mod viżibbli kemm numru kif ukoll tikketta bil-kliem "HT-KD" jew "Heat Treated – Kiln Dried".
- (9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1164 (\*) jipprevedi li, b'deroga mill-punt 87 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, ċerti forom ta' njam tal-*Fraxinus L.*, tal-*Juglans ailantifolia* Carr., tal-*Juglans mandshurica* Maxim., tal-*Ulmus davidiana* Planch. u tal-*Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc. ("l-injam speċifikat"), li joriġina mill-Kanada u mill-Istati Uniti, jista' jiġi introdott fit-territorju tal-Unjoni skont id-dikjarazzjonijiet uffiċjali msemmija fl-għażliet (a) u (b) ta' dak il-punt 87. Dak ir-Regolament jiskadi fil-30 ta' Ġunju 2023. Dan jipprevedi ż-żewġ għażliet li ġejjin bħala rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni: l-injam speċifikat kellu joriġina f'żona ħielsa mill-pesti soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet jew kellu jgħaddi minn irradjazzjoni jonizzanti f'kundizzjonijiet speċifiċi.
- (10) Dawk ir-rekwiżiti speċjali wrew li huma effettivi, matul l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1164, fil-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat. Barra minn hekk, rekwiżiti simili wrew li huma effettivi matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/412 u (UE) 2018/1203.
- (11) Għalhekk ġie konkluż li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni tal-injam tal-fraxxnu fit-territorju tal-Unjoni mill-Kanada u mill-Istati Uniti jiġi vvalutat b'mod sħiħ u jiġu stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni xierqa f'dawk il-pajjiżi terzi.
- (12) Għalhekk jixraq li fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġu inklużi r-rekwiżiti speċjali li huma previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1164 dwar l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-injam tal-fraxxnu mill-Kanada u mill-Istati Uniti.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kanada u l-Istati Uniti jitneħħew mir-raba' kolonna tal-punt 87 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u jenħtieġ li jiżdied punt ġdid ma' dak l-Anness, li jipprevedi l-istess żewġ għażliet bħal dawk previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1164.
- (14) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġi emendat skont dan.

(\*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1164 tas-6 ta' Awwissu 2020 li jipprevedi deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-pest *Agrilus planipennis* Fairmaire mill-Kanada u mill-Istati Uniti (ĠU L 258, 7.8.2020, p. 6).

- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072**

L-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

—

## ANNEX

L-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-punt 87, il-lista tal-pajjiżi fil-kolonna "Oriġini" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Belarusja, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan u l-Ukrajna"

2. Il-punti 87.1 u 87.2 li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 87:

"87.1	<p>Injam tal-<i>Fraxinus</i> L., għajr fil-forma ta'</p> <p>— laqx, partikoli, serratura, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kollu jew parzjalment minn dawn is-siġar,</p> <p>— minn injam tal-istess tip u kwalità bħall-injam fil-kunsinna u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, iżda li jinkludi l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, u għamara u oġġetti oħra magħmula minn injam mhux ittrattat.</p> <p>materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kontenituri għal ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tnabar u kontenituri simili, palits, kaxxi tal-palits u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, bċejjeċ tal-injam, kemm jekk effettivament jintużawx jew le fit-trasport ta' oġġetti ta' kwalunkwe tip, minbarra l-bċejjeċ tal-injam li jintużaw biex jirfdu l-kunsinni tal-injam, li jkunu magħmulin</p>	<p>ex 4401 12 00 ex 4403 12 00 ex 4403 99 00 ex 4404 20 00 ex 4406 12 00 ex 4406 92 00 4407 95 10 4407 95 91 4407 95 99 ex 4408 90 15 ex 4408 90 35 ex 4408 90 85 ex 4408 90 95 ex 4409 29 10 ex 4409 29 91 ex 4409 29 99 ex 4416 00 00 ex 9406 10 00</p>	<p>Il-Kanada u l-Istati Uniti</p>	<p>Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(a) l-injam ikun għadda minn irradjazzjoni joniz-zanti sakemm tinkiseb doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu;</p> <p>jew</p> <p>(b) l-injam oriġina minn żona rikonoxxuta bħala ħielsa mill-<i>Agrilus planipennis</i> Fairmaire, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u li tinsab f'distanza minima ta' 100 km mill-egreb żona, fejn tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza ta' dak il-pest; iż-żona tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju u l-istatus ta' ħelsien mill-pest ta' dik iż-żona jkun għe kkomunikat bil-miktub minn qabel lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz,</p> <p>jew</p> <p>(c)</p> <p>(i) l-injam ikun għadda mill-istadji kollha li ġejjin:</p> <p>— tqaxxir, jiġifieri l-injam jew titneħħielu l-qoxra kompletament jew ikun fih biss biċċiet tal-qoxra separati viżwalment u distinti b'mod ċar. Kull waħda mill-biċċiet ikollha wisa' ta' inqas minn 3 cm jew, jekk tkun usa' minn 3 cm, ikollha superfiċje ta' inqas minn 50 cm<sup>2</sup>;</p> <p>— isserrar;</p> <p>— tisħin, jiġifieri l-injam jissaħħan fuq il-profil kollu tiegħu f'temperatura ta' mill-inqas 71 °C għal 1 200 minuta f'kompartiment tat-tisħin approvat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz jew minn aġenzija approvata minn dik l-organizzazzjoni; u</p>
-------	---	---	---	---

			<ul style="list-style-type: none"> <li>— tnixxif, jiġifieri l-injam jitnixxef skont skedi ta' tnixxif industrijali ta' mill-inqas ġimagħtejn, rikonoxxuti mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz, u l-kontenut ta' umdità finali tal-injam ma jaqbiżx 10 % espressi bħala perċentwal ta' materja niexfa;</li> </ul> <p style="text-align: center;">u</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(ii) l-injam ikun ġie prodott, jitqandel jew jinħażen f'faċilità li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>— ikun approvat uffiċjalment mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz jew minn aġenzija approvata minn dik l-organizzazzjoni, skont il-programm ta' ċertifikazzjoni tagħha li jikkonċerna l-<i>Agrilus planipennis</i> Fairmaire;</li> <li>— tkun irreġistrata f'bażi tad-<i>data</i> ppubblikata fuq is-sit web tal-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz;</li> <li>— tkun awditjata mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz, jew minn aġenzija approvata minn dik l-organizzazzjoni, minn tal-inqas darba fix-xahar u jkun ġie konkluż li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-punt fl-Anness. F'każ li l-awditi jkunu twettqu minn aġenzija oħra għajr l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż terz, dik l-organizzazzjoni trid tkun wettqet awditi ta' dan ix-xogħol mill-inqas kull 6 xhur. Dawk l-awditi jkunu inkludew il-verifika tal-proċeduri u tad-dokumentazzjoni tal-aġenzija u l-awditi f'faċilitajiet approvati;</li> <li>— il-faċilità tkun tuża tagħmir għat-trattament tal-injam li jkun ġie kkalibrat b'mod konsistenti mal-manwal tat-tħaddim tat-tagħmir;</li> </ul> </li> </ul>
--	--	--	---



				<p>— tkun iżżomm rekord tal-proċeduri tagħha għall-verifika mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'dak il-pajjiż jew minn aġenzija approvata minn dik l-organizzazzjoni, inkluż it-tul ta' żmien tat-trattament, it-temperaturi waqt it-trattament u, għal kull lott speċifiku li jrid jiġi esportat, il-kontroll tal-konformità u l-kontenut ta' umdità finali.</p> <p>u</p> <p>(iii) fuq kull lott injam iridu jidhru b'mod ċar kemm in-numru tal-lott kif ukoll tikketta bl-ittri "HT-KD" jew bil-kliem "Heat Treated – Kiln Dried". Dik it-tikketta inħarġet minn uffiċjal maħtur mill-faċilità approvata jew taħt is-supervizzjoni tiegħu, wara li jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-ipproċessar stabbiliti fil-punt (i) u r-rekwiżiti għall-faċilitajiet stabbiliti fil-punt (ii) ikinu ġew issodisfati.</p> <p>u</p> <p>L-injam destinat għall-Unjoni jkun ġie spezzjonat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'dak il-pajjiż, jew minn aġenzija approvata uffiċjalment minn dik l-awtorità, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (i) u (iii) ta' dan il-punt jiġu ssodisfati. In-numru/i tal-lott(ijiet) li jikkorrispondi(u) għal kull lott speċifiku li jkun qed jiġi esportat u l-isem tal-faċilità/ajiet approvata/i fil-pajjiż tal-oriġini għandhom jissemmew fiċ-ċertifikat fitosanitarju msemmi taħt ir-rubrika "Dikjarazzjoni addizzjonali".</p>
87.2	L-injam tal- <i>Chionanthus virginicus</i> L., tal- <i>Juglans ailantifolia</i> Carr., tal- <i>Juglans mandshurica</i> Maxim., tal- <i>Ulmus davidiana</i> Planch. U tal- <i>Pterocarya rhoifolia</i> Siebold & Zucc., għajr fil-forma ta'	ex 4401 12 00 ex 4403 12 00 ex 4403 99 00 ex 4404 20 00 ex 4406 12 00 ex 4406 92 00 ex 4407 99 27	Il-Kanada u l-Istati Uniti	Dikjarazzjoni uffiċjali li:  (a) l-injam oriġina minn żona rikonoxxuta bħala ħielsa mill- <i>Agrilus planipennis</i> Fairmaire, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u li

<p>— laqx, partċelli, laqx, partikoli, serratura, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kollu jew parzjalment minn dawn is-siġar, materjal tal-injam għall-imballaġġ.</p> <p>— fil-forma ta' kontenituri għal ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tnebar u kontenituri simili, palits, kaxxi tal-palits u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, bċejjeċ tal-injam, kemm jekk effettivament jintużaw jew le fit-trasport ta' oġġetti ta' kwalunkwe tip, minbarra l-bċejjeċ tal-injam li jintużaw biex jirfdu l-kunsinni tal-injam, li jkunu magħmulin minn injam tal-istess tip u kwalità bħall-injam fil-konsenja u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,</p> <p>iżda li jinkludi l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, u għamara u oġġetti oħra magħmula minn injam mhux ittrattat.</p>	<p>ex 4407 99 40 ex 4407 99 90 ex 4408 90 15 ex 4408 90 35 ex 4408 90 85 ex 4408 90 95 ex 4409 29 10 ex 4409 29 91 ex 4409 29 99 ex 4416 00 00 ex 9406 10 00</p>		<p>tinsab f'distanza minima ta' 100 km mill-eqreb żona, fejn tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza ta' dak il-pest; iż-żona tissewma fiċ-ċertifikat fitosanitarju u l-istatus ta' ħelsien mill-pest ta' dik iż-żona jkun għe kkomunikat bil-miktub minn qabel lill-Kummissjoni mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-pajjiż ikkonċernat,</p> <p>jew</p> <p>(b) l-injam ikun għadda minn proċess ta' irradjazzjoni jonizzanti sabiex tinkiseb doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu."</p>
--	--	--	--

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1493

tas-26 ta' Ġunju 2023

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 <sup>(2)</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor <sup>(3)</sup>, li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Kumitat Konġunt") għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2023/1182 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, sa fejn ma jemendax id-Direttiva 2001/83/KE, u r-Regolament (UE) 2023/1231 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup> huma atti tal-Unjoni li għadhom kemm ġew adottati li huma relatati mas-suq intern għall-oġġetti u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor.
- (4) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu li jmiss, jenħtieġ li jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid dawk iż-żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

<sup>(1)</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1182 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023, dwar regoli speċifiċi relatati ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE (ĠU L 157, 20.6.2023, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1231 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-immnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġh, makkinarju u ċertu vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 165, 29.6.2023, p. 103).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

ABBOZZ

**ID-DEĊIŻJONI NRU .../2023 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ  
TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U  
MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**

ta'...

**li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-"Kumitat Konġunt") biex jadotta deċiżjonijiet li jżidu atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti fuq l-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (2) Jenħtieġ li żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati jiżiedu mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ir-Regolament (UE) 2023/1182 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar regoli speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE <sup>(3)</sup>, sa fejn ma jemendax id-Direttiva 2001/83/KE, għandu jiżied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 20 "Prodotti mediċinali".

2. Ir-Regolament (UE) 2023/1231 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġħ, makkinarju u ċerti vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew tal-forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali domestiċi fl-Irlanda ta' Fuq <sup>(4)</sup> għandu jiżied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 44 "Sanitarju u fitosanitarju - Oħrajn";

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>(2)</sup> Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

<sup>(3)</sup> ĠU L 157, 20.6.2023, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 165, 29.6.2023, p. 103.

Magħmul fi .....

*Għall-Kumitat Konġunt  
Il-Kopresidenti*

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1494

tas-26 ta' Ġunju 2023

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup> (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 <sup>(2)</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 36(4) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ biex jirrifletti kwalunkwe Deċiżjoni jew Rakkomandazzjoni ġdida approvata mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.
- (3) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu li jmiss, għandu jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 36(4) tal-Ftehim dwar il-ħruġ biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tiegħu biex jiżdedu żewġ Deċiżjonijiet ġodda approvati mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali mal-lista stabbilita fih u biex jitħassru minn dik il-lista tliet Deċiżjonijiet li ġew sostitwiti miż-żewġ Deċiżjonijiet il-ġodda.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ, liema deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

<sup>(1)</sup> OJ L 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p.1).

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---



## ABBOZZ

**ID-DEĊIŻJONI NRU .../2023 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**

ta'...

**li temenda l-ewwel parti tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 36(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu (il-"Kumitat Konġunt") jadotta deċiżjonijiet li jemendaw il-Parti I tal-Anness I ta' dak il-Ftehim, biex jirriflettu kwalunkwe Deċiżjoni jew Rakkomandazzjoni ġdida approvata mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti fuq l-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw it-tali deċiżjonijiet, li għandu jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (2) Fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tiġi emendata billi jiżdedu żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali u billi jitħassru tliet deċiżjonijiet li ġew sostitwiti miż-żewġ deċiżjonijiet il-ġodda,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Deċiżjoni Nru H12 tad-19 ta' Ottubru 2021 dwar id-data li għandha titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> għandha tiżded taħt 'Kwistjonijiet orizzontali (serje H)';
- (2) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Deċiżjoni Nru H13 tat-30 ta' Marzu 2022 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali <sup>(3)</sup> għandha tiżded taħt 'Kwistjonijiet orizzontali (serje H)';
- (3) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, għandhom jitħassru l-atti li ġejjin:
  - (a) Id-Deċiżjoni Nru H3 tal-15 ta' Ottubru 2009 li tikkonċerna d-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru H7 tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tad-Deċiżjoni Nru H3 dwar id-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-

<sup>(1)</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.<sup>(2)</sup> ĠU C 93, 28.2.2022, p. 6.<sup>(3)</sup> ĠU C 305, 10.8.2022, p. 4.<sup>(4)</sup> ĠU C 106, 24.4.2010, p. 56.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, li hija sostitwita bid-Deċiżjoni Nru H12 tad-19 ta' Ottubru 2021 dwar id-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

- (b) Id-Deċiżjoni Nru H4 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali <sup>(6)</sup>, li hija sostitwita bid-Deċiżjoni Nru H13 tat-30 ta' Marzu 2022 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali;
- (c) Id-Deċiżjoni Nru H7 tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tad-Deċiżjoni Nru H3 li tikkonċerna d-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li hija sostitwita bid-Deċiżjoni Nru H12 tad-19 ta' Ottubru 2021 dwar id-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi .....

Għall-Kumitat Konġunt  
Il-Kopresidenti

---

<sup>(5)</sup> ĠU C 52, 11.2.2016, p. 13.

<sup>(6)</sup> ĠU C 107, 27.4.2010, p. 3.

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1462 tas-17 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 180 tas-17 ta' Lulju 2023)

Fil-qoxra, f'paġna 8 fit-titolu u f'paġna 9, fil-formula tal-għeluq:

*minflok:* "17 ta' Lulju 2023",

*aqra:* "14 ta' Lulju 2023".

---

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/583 tal-15 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/607 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 77 tas-16 ta' Marzu 2023)

F'paġna 4, fl-Artikolu 1(1):

<i>minflok:</i>	"Shandong Ensign Industry Co., Ltd.	A882"	
<i>aqra:</i>	"Shandong Ensign Industry Co., Ltd. – No 1567 Changsheng Street, Changle, Weifang, Shandong Province, PRC	33,8	A882"

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 tad-9 ta' Frar 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 41 tal-10 ta' Frar 2023)

Fil-paġna 71, fl-Anness I, is-sitt ringiela,

<i>minflok:</i>	"L-Indja	Gryphon Ceramics Private Limited Cosa Ceramics Pct Limited RAK Ceramics Private Limited Gris Ceramic LLP Gruppo Griffin Ceramica LLP Alpas Cera LLP	C960"
<i>aqra:</i>	"L-Indja	Gryphon Ceramics Private Limited Cosa Ceramics Pct Limited RAK Ceramics India Private Limited Gris Ceramic LLP Gruppo Griffin Ceramica LLP Alpas Cera LLP	C960"

**Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2176 tad-9 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 443 tal-10 ta' Diċembru 2021)*

Fil-paġna 1, fl-Artikolu 1,

*minflok:* "Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi speċifiċi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo",

*aqra:* "Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo".

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)